# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-17 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 727/2014**

**Fiona Maria Aquilina**
**I.D. 583576 (M)**

**vs.**

**Reuben Formosa**
**I.D. 176375 (M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 t'Awwissu, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi kien hemm relazzjoni personali bejn il-kontendenti li straripat f'relazzjoni kummercjali;

1.2. Illi fil-fatt kienu jiggestixxu flimkien ir-restaurant "*North Country Bar & Restaurant*", fil-Bahrija, fuq bazi ta' 50% kull wiehed;

1.3. Illi f'dan il-perjodu, fit-28 ta' Jannar, 2009, inghataw facilita` bankarja mill-*HSBC Bank (Malta) p.l.c.* fis-somma ta' sebghin elf euro, (€70,000.00), u dan, permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Naomi Mugliette, (ara foll 6);

1.4. Illi ghalkemm fl-imsemmi kuntratt kien jidher li r-rikorrenti kienet qed tissellef l-imsemmija somma interament hi, fil-fatt kienet qed tidher kemm f'isimha proprju u bhala mandatarja tal-intimat;

1.5. Illi ghalhekk, l-ammont hekk misluf kien gie misluf kemm mir-rikorrenti u mill-intimat f'ishma ugwali bejniethom;

1.6. Illi l-imsemmi self kien intiz ghall-gestjoni tal-imsemmi *restaurant*, kif fil-fatt intuza;

1.7. Illi hi kienet qed taghmel tajjeb ghas-somma hekk mislufa bil-gid personali taghha;

1.8. Illi matul ir-relazzjoni in dizamina hi tat ukoll lill-intimat hmistax -il elf ewro, (€15,000.00), biex juza l-istess somma ghall-finijiet personali tieghu;

1.9. Illi mat-terminazzjoni tar-relazzjoni personali in dizamina bdew jinqalghu problemi kbar fil-gestjoni tar-*restaurant*;

1.10. Illi l-intimat beda jfarrak in-negozju *de quo* u abbanduna ghal kollox il-gestjoni tal-istess;

1.11. Illi r-rikorrenti ghalhekk giet rinfaccata bi djun kbar – fosthom mal-imsemmi Bank – ghas-self su citat;

1.12. Illi bl-agir tieghu l-intimat ikkawza danni ingenti lir-rikorrenti u n-negozju sfaxxa;

1.13. Illi r-rikorrenti ghamlet minn kollox biex timminimizza d-danni;

1.14. Illi l-bank fuq indikat kien ghad baqalu jiehu s-somma ta' sittin elf disa' mija u sebgha u sittin ewro u tlieta u hamsin centezmu, (€60,967.53), mis-somma originarjament mislufa;

1.15. Illi s-somma indikata fil-paragrafu precedenti thallset kollha lura mir-rikorrenti u biex taghmel dan kellha tbiegh proprjeta` personali taghha;

1.16. Illi l-intimat qieghed ukoll jirrifjuta li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' €15,000.00 lilu minnha mislufa;

1.17. Illi bl-agir tieghu l-intimat qed ikompli jikkawza danni lir-rikorrenti;

1.18. Illi ghalhekk talbet u ottjeniet mandat t'inibizzjoni kontra l-intimat, (ara foll 11);

1.19. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.19.1. Tiddikjara li s-self moghti mill-bank fuq riferit fit-28 ta' Jannar, 2009, *in atti* tan-Nutar fuq riferita kien jappartjeni kemm lir-rikorrenti u lill-intimat f'ishma ugwali bejniethom, u dan, in vista ta' kull ftehim ezistenti bejniethom;

1.19.2. Tiddikjara li l-bilanc li kien dovut lill-imsemmi bank thallas kollu lura mir-rikorrenti;

1.19.3. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli jirrifondi lir-rikorrenti nofs l-ammont *de quo*, senjatament tletin elf erba' mija tlieta u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu, (€30,483.76);

1.19.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma indikata fil-paragrafu precedenti;

1.19.5. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €15,000.00, self *brevi manu* moghti lilu mir-rikorrenti;

1.19.6. Tiddikjara li bl-agir tieghu l-intimat ikkawza u qed ikompli jikkawza danni lir-rikorrenti;

1.19.7. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.19.8. Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti minhabba l-agir tal-intimat;

1.19.9. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.19.10. Tiddikjara lill-intimat responsabbli ghal nofs id-dejn tan-negozju;

1.19.11. Tikkundanna lill-intimat ihallas is-sehem tieghu minn dan id-dejn;

1.19.12. Taghti dawk il-provedimenti xierqa skont ic-cirkostanzi;

1.19.13. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu, appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll15);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata t-30 ta' Settembru, 2014, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 25);

3.1. Illi preliminarjament:

3.1.1. Illi r-rikorrenti ipproponiet procedura wahda li tkopri tliet (3) negozji guridici differenti;

3.1.2. Illi dan ipoggi lill-intimat fi pregudizzju fid-difisa tieghu;

3.1.3. Illi ghalhekk, ir-rikors promotur hu null a tenur tal-artiklu 789(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, (minn issa ’l quddiem Kap 12);

3.1.4. Illi n-negozji guridici akkumulati fir-rikors promotur ma jistghux joqoghdu f’kawza wahda;

3.1.5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha tindika l-bazi tal-azzjoni taghha;

3.1.6. Illi *stante* li l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba’ (4) talba huma inkompatibbli, allura l-azzjoni tentata mir-rikorrenti hi nulla;

3.2. Illi fil-mertu:

3.2.1. Illi l-fatti kif elenkati mir-rikorrenti huma kontestati;

3.2.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti;

3.2.3. Salv risposti ulterjuri;

3.2.4. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

4. Rat il-verbal datat it-30 t’Ottubru, 2014, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jaqblu li l-eccezzjonijiet preliminari jigu decizi flimkien mal-mertu, (ara foll 30);

5. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta’ Frar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, awtorizzat lill-kontendenti biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 271);

6. Tirrileva li ghalkemm debitament awtorizzati, l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet naqsu jittrattaw il-kaz kif dekretat, (ara foll 279);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi fil-perjodu bejn Lulju, 2004, u Settembru, 2011, l-kontendenti kienu qed jikkoltivaw relazzjoni personali, (ara foll 103);

9.2. Illi waqt li l-kontendenti kienu ghaddejjin f'din ir-relazzjoni, fit-28 ta' Jannar, 2009, ir-rikorrenti wahedha nghatat facilita` ta' self fl-ammont ta' €70,000.00, (ara foll 6);

9.3. Illi l-ammont misluf lir-rikorrenti indikat fil-paragrafu precedenti kien biex jintuza ghall-gestjoni ta' *restaurant* bl-isem *North Country Bar & Restaurant*, fil-Bahrija, li l-kontendenti kienu flimkien issullokaw minghand l-inkwilini precedenti, (ara foll 110 u 112);

9.4. Illi jirrizulta li biex il-kontendenti ihallsu r-rati dovuti ghas-self fuq indikat huma kellhom kont bankarju komuni li minnu kienu jithallsu r-rati dovuti ghall-istess self, (ara foll 37);

9.5. Illi l-pagamenti tas-self mill-kont komuni *de quo* thallas lill-bank involut mill-kontendenti fil-perjodu mill-10 ta'Mejju, 2010, sal-10 t'Ottubru, 2012, (ara foll 120);

9.6. Illi r-rikorrenti ssosstni li minkejja li fil-kuntratt ta' self datat it-28 ta' Jannar, 2009, (ara foll 6), hi tidher indikata bhala d-debitrici unika, (ara foll 103), fil-fatt hi dehret fl-istess kuntratt bhala mandatarja tal-intimat, senjatament bhala *prestanome* ghalih, (ara foll 1);

9.7. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti ssosstni li effettivament ghalhekk, is-self indikat fil-kuntratt fuq riferit hu self nofs bin-nofs bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u li l-istess self ittiehed esklussivament ghan-negozju li l-kontendenti kienu qed jiggestixxu l-Bahrija, (ara foll 104);

9.8. Illi effettivament il-flus mislufa intuzaw esklussivament ghal dan l-iskop, (ara foll 104);

9.9. Illi ghas-self lilha moghti mill-bank *de quo* ghamlet tajjeb ir-rikorrenti bil-gid personali taghha, (ara foll 7);

9.10. Illi r-rikorrenti tirrileva wkoll li kienet tat lill-intimat is-somma ta' €15,000.00 liema somma hu kellu jtiha lill-mara tieghu bhala s-sehem dovut lilha mill-komunjoni tal-akkwisti wara s-separazzjoni taghhom, (ara foll 103);

9.11. Illi f'dan ir-rigward tal-ammont misluf mir-rikorrenti lill-intimat biex ikun jista' jillikwida lill-mara tieghu wara s-separazzjoni taghhom, l-intimat isosstni li r-rikorrenti taghtu €13,900.00, (ara foll 239);

9.12. Illi l-intimat ikompli jghid li ma kienx irrifonda l-imsemmi ammont indikat fil-paragrafu precedenti ghaliex minflok hu kien ghamel xoghol ekwivalenti fl-istess *restaurant*, konsistenti f'xoghol ta' granit fil-kcina, (ara foll 240);

9.13. Illi fir-rigward tal-€15,000.00 in dizamina r-rikorrenti kienet baghtet ittra ufficjali lill-intimat, datata s-6 ta' Lulju, 2012, (ara foll 204);

9.14. Illi r-rikorrenti ssosstni wkoll li l-intimat ikkagunala telf u dannu konsiderevoli, u li ghalhekk kienet kostretta taghlaq ir-*restaurant* li spicca fix-xejn, (ara foll 105);

9.15. Illi f'dan il-kuntest ir-rikorrenti ipprezentat ukoll kont tad-dawl fuq l-imsemmi *restaurant* ammontanti ghal €4,517.11, (ara foll 118);

9.16. Illi fil-mument meta inghalaq ir-*restaurant* in dizamina jirrizulta li mal-bank in kwistjoni r-rikorrenti kien ghad kien fadlilha taghtih is-somma ta' €60,967.53, (ara foll 105);

9.17. Illi r-rikorrenti ghamlet tajjeb ghal dan l-ammont billi halsitu kollu hi, (ara foll 77 u 231);

9.18. Illi r-rikorrenti effettwat il-pagament riferit fil-paragrafu precedenti wara li kienet kostretta tbiegh id-dar taghha li kienet inkluza bhala garanzija ghas-self *de quo*, (ara foll 103, 105 u 2);

9.19. Illi in vista tas-suespost ir-rikorrenti talbet u ottentiet mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimat, (ara foll 11);

9.20. Illi min-naha tieghu l-intimat jikkontesta dak kollu sostenut mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fir-rigward tal-**eccezzjonijiet preliminari** sollevati mill-intimat jinghad sintetikament is-segwenti:

10.1. In-**Nullita` tar-rikors promotur** *stante* li l-azzjoni odjerna tkopri tliet negozji ta' natura differenti:

10.1.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 789 tal-Kap 12 li jirregola l-materja ta' nullita` ta' atti gudizzjarji:

> "1. L-eccezzjoni ta' nullita` tal-atti gudizzjarji tista' tinghata:
>
> "c. jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullita`, kemm -il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullita`, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat";

10.1.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Antonia Frendo et vs. Christopher Agius *et***, datata l-**10 ta' Lulju, 2014**, li ikkonsidrat li fil-materja in dizamina:

> "... il-Qrati taghna sahhqu fuq il-htiega li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata u, *inoltre*, ghandha tigi skartata biss jekk l-intimat isofri pregudizzju serju minhabba l-mod kif inhi redatta. (ara ad.es. "**Bonnici v Zammit" App. Civ-20.1.1986**);

10.1.3. Illi fil-kaz in dizamina din il-qorti tirrileva li minn analisi tar-rikors promotur fit-totalita` tieghu jirrizulta li r-ragunijiet legali li a bazi taghhom saru t-talbiet tar-rikorrenti, flimkien mar-*ratio legis* li tikkonforthom, johorgu bi kjarezza;

10.1.4. Illi konsegwentement l-intimat ma jirrizultax li ghandu jigi avallat minn din il-qorti fit-tezi tieghu esposta f'din l-eccezzjoni preliminari kif ibbazata fuq l-artiklu 789(1) (c) tal-Kap 12 fuq citat *stante* li ma jirrizultax li hemm pregudizzju li ma jistax jissewwa;

10.1.5. Illi jirrizulta pacifiku li l-intimat ipprepara sew id-difiza tieghu u ma gie ippregudikat fl-ebda stadju tal-istess;

10.1.6. Illi in vista tal-premess, din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta;

10.2. **In-Nullita` tar-rikors promotur** *stante* li n-negozji guridici differenti sollevati mir-rikorrenti fir-rikors promotur ma jistghux joqoghdu f'kawza wahda:

10.2.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Burmarrad *Commercials Limited* vs. Michael Bugeja *et***, datata l-**31 ta' Mejju, 2012**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Illi issa xieraq li wiehed jara jekk tinholoqx nullita` fejn zewg talbiet guridikament distinti jitressqu f'kawza wahda u sa liema limitu jista' jsir dan bla ma jkun qieghed jinkiser dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 156 (1) (a) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili. Mill-kliem innifsu tal-imsemmi artikolu, johrog illi (i) l-attur ghandu jidentifika l-oggett tal-kawza billi jiddikjara r-raguni ghala jkun qieghed jitlob dik il-haga; (ii) dak l-oggett u dik ir-

raguni jridu jkunu mfissrin car u sewwa; (iii) t-talba jew it-talbiet ikunu marbutin mar-raguni jew ragunijiet kif premess fir-Rikors Mahluf; u (iv) li dawn l-elementi ghandhom jirrizultaw mill-att gudizzjarju nnifsu u mhux minn xi kjarifika li tista' ssir dwarhom waqt is-smigh tal-kawza";

10.2.2. Illi sussegwentement, l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti tkompli billi tissottolinea:

> "Illi, f'wahda mis-sentenzi li qieset kwistjoni bhal din taht ezami jinghad hekk: "... ma hemmx kwistjoni li dottrinarjament hu importanti li jigu, ghall-finijiet ta' l-oggett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminha, ezaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok ghall-gudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistghux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wiehed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'gudizzju, ma hemm xejn fil-ligi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeducihom jew jattendi li huma ntizi ghall-otteniment ta' oggett propost, salv li l-istess ma humiex inkonciljabbli. Din ir-redazzjoni ta' l-att tac-citazzjoni ma tirrendix dak l-istess att ghall-kawzalijiet tieghu mhux car, izda *se mai* turi in forza ta' liema drittijiet ("*jus petendi*") l-attur ikun qieghed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dan, ebda pregudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-agir guridiku, ghaliex hu jkun jista' jirripudja l-azzjoni attrici ghad-drittijiet kollha radikali fl-att promotorju tal-kawza ...";

10.2.3. Illi minn ezami tar-rikors promotur jirrizulta li l-oggetti tal-kawza jirrizultaw debitament

identifikati u t-talbiet taghha jirrizultaw ukoll imfissrin bi kjarezza;

10.2.4. Illi konsegwentment bl-ebda mod ma jista' jigi ritenut li t-talbiet tar-rikorrenti huma irrikonciljabbli;

10.2.5. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-fatt li l-istess talbiet gew sottomessi kumulattivament ma johloq l-ebda pregudizzju lill-intimat;

10.2.6. Illi in vista tal-premess, din it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat ghandha tigi respinta wkoll;

10.3. In-**Nullita` tar-rikors promotur** *stante* l-inkompatibilita` tat-talbiet hemm riprodotti:

10.3.1. Illi fid-dawl tal-esposizzjoni precedenti, din it-tielet (3) eccezzjoni preliminari ghandha wkoll tigi respinta;

Ikkunsidrat:

11. Illi fir-rigward tal-**mertu** jinghad sintetikament is-segwenti:

Ikkunsidrat:

**A. L-Ewwel Erba' (4) Talbiet tar-Rikorrenti:**

12. Illi dawn jirrigwardaw is-self moghti mill-*HSBC Bank (Malta) p.l.c.* permezz ta' kuntratt, ta' self datat it-28 ta' Jannar, 2009, (ara foll 6);

13. Illi r-rikorrenti ssosstni li dan il-kuntratt, ghalkemm iffirmatu wahedha, xorta jorbot liz-zewg kontendenti f'ishma ugwali bejniethom;

14. Illi s-somma rimanenti dovuta lill-imsemmi bank wara l-falliment tan-negozju in dizamina thallset kollha mir-rikorrenti;

15. Illi *stante* li n-negozju *de quo* kien gestit mill-kontendenti flimkien, ir-rikorrenti qed titlob li l-intimat ikun ikkundannat jirrifondiha nofs s-somma li hi saldat mal-bank *de quo*;

16. Illi fid-dawl tal-fatt li dawn l-ewwel erba' (4) talbiet jirrizultaw intimament konnessi flimkien, allura ser jigu hawn trattati kumulattivament;

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Mario u Carmela konjugi Camilleri vs. Robert Azzopardi**, datata l-**14 ta' Lulju, 2017**, li sosstniet is-segwenti:

> "Kwantu ghall-grad tal-prova rikjesta fi proceduri civili u proceduri kriminali:
>
> > "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hi bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan a differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubbju ragjonevoli. (**Eucaristico Zammit vs. Eustrachio Petrococchino, Q.A. 25.02.1952**)".

Ikkunsidrat:

18. Illi jirrizulta assodat li l-kuntratt ta' self in dizamina, (ara foll 6), kien konkluz mir-rikorrenti li f'dak il-perjodu kienet f'relazzjoni personali mal-intimat;

19. Illi minn ezami tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-qorti hi konvinta li s-self in dizamina kien intiz ghall-gestjoni tar-*restaurant* li l-kontendenti kienu jmexxu flimkien kif jirrizulta mill-iskrittura ta' kiri tal-istess fond iffirmata miz-zewg kontendenti, (ara foll 110 u 111);

20. Illi *di piu`*, jirrizulta li biex ihallsu l-ammont hekk misluf mill-bank in dizamina, il-kontendenti fethu konguntement kont bankarju, li permezz tieghu kienu ihallsu lill-istess bank ratealment, u dan, ghal perjodu mill-10 ta' Mejju, 2010, sal-10 t'Ottubru, 2012, (ara foll 120, 37 u 136);

21. Illi fid-dawl tal-pagamenti kongunti riferiti fil-paragrafu precedenti, din il-qorti hi konvinta li minkejja l-fatt li fil-kuntratt ta' self in dizamina r-rikorrenti ppartecipat wehedha, fir-realta` hi kienet qed tidher kemm f'isimha proprju kemm ghall-intimat;

22. Illi in vista tal-premess, l-ewwel erba' (4) talbiet tar-rikorrenti ghandhom ghalhekk jigu akkolti;

Ikkunsidrat:

**B. Il-Hames (5) Talba tar-Rikorrenti:**

23. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti ssosstni li waqt ir-relazzjoni personali li kellhom il-kontendenti hi tat lill-intimat is-somma ta' €15,000.00 b'self biex ikun jista' jhallas sehmu mill-komunita` tal-akkwisti wara s-separazzjoni personali tieghu minn mall-mara tieghu;

24. Illi min-naha tieghu l-intimat isosstni li r-rikorrenti kienet taghtu s-somma ta' €13,900.00;

25. Illi l-intimat irritjena li ma kellux ghalfejn jirrifondi dan l-ammont hekk lilu misluf mir-rikorrenti ghaliex hu kien ghamel ix-xoghol kollu involut mat-tqeghid tal-granit fil-kcina tar-*restaurant de quo*, (ara foll 240);

26. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti kienet intavolat ittra ufficjali, (ara foll 204);

27. Illi fir-rigward tas-self hawn rikjamat mir-rikorrenti jirrizulta li ma resqet l-ebda prova;

28. Illi *nonostante* dan in-nuqqas jirrizulta li l-istess intimat ammetta dan is-self, (ara foll 239), ghalkemm, f'ammont inqas minn dak rikjamat mir-rikorrenti, (ara foll 239);

29. Illi min-naha tieghu, ghalkemm l-intimat isosstni li ma hallasx l-ammont hekk lilu misluf minhabba l-ameljorementi li ghamel fil-kcina *de quo*, pero` ma gab l-ebda prova tal-istess ameljoramenti jew ta' xi ftehim fir-rigward;

30. Illi fid-dawl tas-suespost jinghad li l-hames (5) talba hawn in dizamina ghandha ghalhekk tigi akkolta, pero` limitatament fl-ammont ta' €13,900.00;

Ikkunsidrat:

**C. Is-Sitt (6), is-Seba' (7), it-Tmin (8), u d-Disa' (9) Talbiet Tar-Rikorrenti:**

31. Illi dawn it-talbiet jirrigwardaw id-danni allegatament ikkagunati mill-intimat lir-rikorrenti in konsegwenza tal-agir tieghu fis-saga in dizamina, u l-likwidazzjoni tal-istess;

32. Illi konsegwentement hu aktar ghaqli li jigu ittrattati komplessivament;

33. Illi fir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Vincent u Carmen konjugi Schiavone vs. Michael u Frances konjugi Psaila**, datata d-**29 ta' Mejju, 2014**, li irriteniet is-segwenti:

> "Ghas-success ta' azzjoni bhal dik *de quo*, hemm il-htiega li l-atturi konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:
>
> > "i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija *ai termini* tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;
> >
> > "ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u

> "iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed *tramite* ness ezjologiku ta' kawzalita`, li tfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru (hsarat lamentati)";

34. Illi jinghad f'dan ir-rigward li r-rikorrenti naqset li ggib provi fuq id-danni minnha allegati kif kien jinkombi fuqha li taghmel;

35. Illi konsegwentement, it-talbiet hawn in dizamina ghandhom jigu respinti;

**D. L-Ghaxar (10) Talba tar-Rikorrenti:**

36. Illi hawn ir-rikorrenti qed titlob li l-intimat ikun ikkundannat ihallas nofs id-dejn akkumulat fin-negozju in dizamina;

37. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-ittra interpellatorja datata t-30 t'Awwissu, 2012, (ara foll 229), li permezz taghha, l-proprjetarji tal-fond mikri lill-kontendenti li minnu kienu jiggestixxu ir-restaurant in dizamina, kienu interpellaw lill-istess kontendenti biex ihallsu l-kont tad-dawl u l-ilma, (ara foll 118);

38. Illi l-ammont involut kien ta' erbat elef hames mija u zbatax -il ewro u hdax il-centezmu, (€4,517.11), (ara foll 118);

39. Illi fid-dawl ta' dak li intqal fir-rigward tal-ewwel erba' (4) talbiet tar-rikorrenti, (ara paragrafu 'A' fuq indikat), din l-ghaxar (10) talba ghandha tigi akkolta;

40. Illi konsegwentement jigi sottolineat li l-intimat hu risponsabbli ghall-hlas ta' nofs l-ammont involut, (ara paragrafu numru tmienja u tletin, (38.), aktar qabel), senjatament elfejn mitejn u tmienja u hamsin ewro u hamsa u hamsin centezmu, (€2,258.55);

Ikkunsidrat:

**E. Il-Hdax (11) it-Talba tar-Rikorrenti:**

41. Illi in vista ta' dak kollu precedentement espost fir-rigward tal-mertu in dizamina, din it-talba giet ezawrita;

Ikkunsidrat:

42.0. Illi din il-qorti hi sodisfatta li t-talbiet tar-rikorrenti gew ghalhekk ippruvati *in parte*, u konsegwentement:

**DECIDE:**

42.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari kollha tal-intimat;

42.2. Tirrespingi *in parte* l-eccezzjonijiet tal-intimat fil-mertu;

42.3. Takkolji l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tar-rikorrenti;

42.4. Takkolji *in parte* il-hames (5) talba tar-rikorrenti;

42.5. Tirrespingi s-sitt (6), is-seba' (7), it-tmin (8) u d-disa' (9) talbiet tar-rikorrenti;

42.6. Takkolji l-ghaxar (10) talba tar-rikorrenti;

42.7. Tiddikjara ghalhekk li l-intimat Reuben Formosa hu risponsabbli li jirrifondi lir-rikorrenti Fiona Maria Aquilina s-somma ta' tletin elf erba' mija tlieta u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu, (€30,483.76);

42.8. Tikkundanna lill-istess intimat biex ihallas is-somma hekk likwidata indikata fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

42.9. Tiddikjara wkoll lill-istess intimat biex jirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' tlettax -il elf u disa' mitt ewro, (€13,900.00), misluf lilu *brevi manu* mill-istess rikorrenti;

42.10. Tikkundanna lill-imsemmi intimat biex ihallas lir-rikorrenti l-ammont lilu minnha misluf kif fuq indikat;

42.11. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**